C/2025/1838

21.3.2025

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Kawża M.11751 — TPG / TECHEM)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2025/1838)

1. Fl-14 ta' Marzu 2025, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— The Rise Fund III, L.P. (Il-Gżejjer Cayman), TPG Rise Climate, L.P. (Il-Gżejjer Cayman), and TPG Rise Climate II, L.P. (Il-Lussemburgu) (il-fondi flimkien, "TPG Rise"), fondi ġestiti minn affiljati ta' TPG Inc. (iktar 'il quddiem "TPG") (l-Istati Uniti tal-Amerika),

— Luxembourg Investment Company 261 S.à.r.l ("LIC") (il-Lussemburgu) u Techem Verwaltungsgesellschaft 671 GmbH ("Techem") (il-Ġermanja) (flimkien ma' LIC u kull waħda mis-sussidjarji tagħhom il- "Kumpanija fil-Mira").

TPG se takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv tal-Kumpanija fil-Mira kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— TPG hija ditta globali alternattiva għall-ġestjoni tal-assi li tinvesti f'ħafna negozji diversifikati globalment, inkluż is-servizzi tan-negozju, il-kura tas-saħħa, it-teknoloġija, il-prodotti għall-konsumatur, il-media diġitali u l-komunikazzjonijiet. Bħala parti mill-portafoll ta' investiment tagħha, TPG tikkontrolla lil Aareon AG, fornitur Ġermaniż ta' software, konsulenza u sistemi tal-IT għas-settur tal-proprjetà immobbli. TPG Rise hija attiva fl-investiment f'soluzzjonijiet klimatiċi fit-tranżizzjoni tal-enerġija u l-mobbiltà ekoloġika; fjuwils sostenibbli u molekuli sostenibbli; u s-soluzzjonijiet tal-karbonju,

— Is-servizzi ta' Techem jinkludu (i) il-provvista ta' servizzi ta' submetraġġ għall-ilma u s-sħana (u apparat ta' submetraġġ, b'rabta ma' dawn is-servizzi) f'diversi Stati Membri taż-ŻEE inklużi l-Ġermanja u n-Netherlands, u (ii) ċerti servizzi anċillari, primarjament fl-Awstrija, fil-Ġermanja, fl-Italja u fil-Lussemburgu, inkluż l-ittestjar tal-ilma għal-legionella, il-kiri, il-bejgħ u l-manutenzjoni tad-detetturi tad-duħħan; u ċerti servizzi limitati ta' kuntrattar tal-enerġija.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.11751 — TPG / TECHEM

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Indirizz elettroniku: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË